# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 6**

**Avviz numru 59/02/SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Raymond Psaila u Sonia Psaila**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (LM3,190.20,0) dovuta lill-imsemmi Bank in kwantu ghal elfejn, erba' mija u disgha u hamsin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu, (LM2,459.76,0) ghall-bilanc ta' "Loan Account", bin-numru 087-049870-300 (gia 87 800 3616) u l-bilanc ta' seba' mija u tletin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (LM730.44,0) imghax fuq l-istess "Loan Account" sat-12 ta' Dicembru 2001 kif jidher mill-istatement hawn anness bhala Dok. A, oltre l-imghax fuq l-istess ammont mit-12 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 2001 u bl-imghax legali fuq l-imsemmija somma mit-12 ta' Novembru 2001 sal-pagament effettiv kontra taghhom ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-23 ta' Mejju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**